# Il-Perit Emanuele Luigi Galizia

**Keith Muscat**

Din is-sena, il-Parroċċa tagħna qed tfakkar il-mitt sena mit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-Knisja ddedikata lil Marija Addolorata - Sultana tal-Martri. Din il-Knisja, li l-ispejjeż tagħha tħallsu mill-benefattriċi l-Markiża Anna Bugeja, nbniet fuq pjanta tal-Perit Emanuele Luigi Galizia.

Ix-xogħol taħt is-superviżjoni ta' l-Inġinier Paolo Grech Xerri, u mwettaq mill-imgħallem Lorenzo Sapiano, inbeda fl-4 ta' Lulju 1901, meta saru l-pedamenti. L-ewwel ġebla tqegħdet fl-4 ta' April 1902. Ix-xogħol tal-bini tlesta fit-13 ta' Frar 1904.

Il-Perit E L Galizia twieled fis-7 ta' Novembru 1830 u ggradwa bħala Perit u Inġinier mill-Universita ta' Malta. Ix-xogħlijiet li huwa wettaq bħala Perit huma rrinomati ħafna. Huwa kien influenzat ħafna mill-arkitettura li kien jara waqt il-vjaġġi frekwenti li kien jagħmel b'mod speċjali fl-Ewropa. Fl-1880, huwa ngħata l-inkarigu ta Superintendent tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, u żamm din il-kariga sal-1888.

Isem il-Perit Galizia jibqa' marbut ma' għadd ta' xogħlijiet li hu ddisinja u li kien responsabbli mit-twettieq tagħhom. Fosthom insibu iċ-Ċimiterju Ta' Braxia (1855), iċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata u l-kappella tiegħu (1860), iċ-Ċimiterju tat-Torok (1874), il-Knisja tal-Balluta (1871), il-Knisja ddedikata lil Madonna ta' Lourdes li tinstab fl-iMġarr, Għawdex (1888), L-Istitut Tekniku Bugeja fil-Ħamrun (1880), il-Victoria Gate (1884), il-Ġibjun ta' Ta' Qali (1867), it-Triq Prince of Wales (illum Triq Manwel Dimech) (1862), u l-Knisja u l-Kunvent ta' San Alfons f'Birkirkara (1893). Taħt is-superviżjoni tiegħu tlesta x-xogħol fuq is-Suq tal-Belt, kif ukoll l-Isptar St Vincent de Paul, liema xogħlijiet inbdew fl-1859 u fl-1886, rispettivament. Wieħed mill-aħħar proġetti kbar li ddisinja kien propju l-Knisja ddedikata lil Marija Addolorata, f'San Pawl il-Baħar.

Il-Papa Ljun XIII taħ it-titlu ta' Kavallier ta' l-Ordni ta' San Girgor il-Kbir, filwaqt li s-Sultan ta' Konstatinopoli, waqt viżita f'Pajjiżna fl-1867, żejjnu bit-titlu ta' Membru ta' l-Ordni ta' Mejidie. Huwa kien ukoll membru ta' l-*Institution of Civil Engineers*, Londra u membru tar-*Royal Institute of British Architects*.

Emanuele Luigi Galizia miet fis-6 ta' Mejju 1906, imma x-xogħlijiet li ddisinja jew idderieġa jibqgħu xhieda tal-kapaċita ta' dan il-perit prolifiku Malti.


